IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru65 (Ħamsa u sittin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 4 ta' Settembru, 2018, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

65.1. Item Nru 65.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

65.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.33pm u ma kienx hemm ittri ta' apoloġija..

65.2 Item Nru 65.2 fuq l-Aġenda – Qari u approvazzjoni tal-minuti

65.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

65.3 Item Nru 65.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

65.3.1 Recreational centre – Is-Sindku qal li s-sistema ta' CCTV ġiet installata u bħalissa qed tidher ukoll fuq il-mobile bl-internet.

Il-Kunsill qabel li l-cameras huma ta' kwalita tajba u jixtieq li jinbidlu wkoll il-cameras tal-bandli biex jigu l-istess kwalita.

Is-Sur Valvo qal ukoll li kien hemm allegazzjoni ta' aċċident bejn is-sub contractor tal-LA Group u karozza ta' resident. Dan il-każ jinsab għand il-pulizija għal investigazzjoni.

Ix-xogħol tal-elettriku u ilma beda wkoll u nittamaw li jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin sabiex imbgħad inkunu nistgħu ninstallaw il madum.

L-aluminium ġew ikejluhom u qed jinħadmu biex jiġu installati.

65.3.2 Rampa Sports Complex – Is-Sindku qal li l-Perit tal-Med Design Leonard Spiteri għandu jagħmel il-BOQ tar-rampa updated u aktar dettal fil-laqgħa li jmiss.

65.3.3 *Jogging Track* – Is-Sur Valvo qal li l-istima kella tiġi ridimensjonata u intbgħatet immedjatament lil Conrad Busuttil ta' Sports Malta u dan qalilna li qed tiġi ivverifikata. Pero issa is-Sur Conrad Busuttil m'għadux parti minn Sports Malta u issa minfloku hemm is-Sur Mark Cutajar. Il-Kunsill ser jitlob laqgħa b'urġenza mas-Sur Cutajar sabiex naraw kif ser nibqgħu.

65.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn kellhom AGM u attenda. Gal Xlokk qed jistennew li jkollhom il-budget għas sena d-diehla. Il-Kunsill Lokali tax-Xgħajra għandu pendenti ir-rehabilitation ta' Fort Park. L-istima tal-fort park giet amalgamata ma' tal-jogging track u ser jigu separati fil-granet li ġejjin.

65.3.5 ATM – Is-Sindku qal li reġa' kellem lill-Bank of Valletta fejn ġie imqabbad Manager sabiex jiltaqgħa magħna u niddiskutu s-suġġett aktar fid-dettall. Il-BOV qalulna li żgur ha ssir waħda fi Smart City.

65.3.6 Evaluation Board Tender Knis – Is-Sur Valvo qal li Wilson ghadu ma ltaqax magħna minkejja diversi tentattivi. Għalhekk il-Kunsill qabel li minn nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru jitwaqqf is-servizz ezistenti minn ma' WM Environmental Ltd u l-knis isir minn Ganni li ikkwota bl-ammont ta' €1270 fix-xahar. Sadanittant it-tender tal-Knis terga tinħareġ minnufih.

65.3.7 Separazzjoni ta' skart – Is-Sindku qal li mil-31 t' Ottubru ser tibda l-ġabra tal-iskart organiku. L-iskart Organiku, tal-borża bajda ser jibda jinġabar nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa. Il-borża s-sewda, tal-iskart iehor ser tibda tinġabar nhar ta' Tnejn, Ħamis u Sibt. Il-Ġabra tal-borda l-ħadra, skart riċiklabbli jibqa jinġabar nhar ta' Tlieta.

65.3.8 SSTP – Is-Sur Valvo qal li kellna l-laqgħa mal-uffiċjali tal-WSC u qalulna li hemm problema ta' manutenzjoni u din għandha tibqa għaddeja sa Diċembru.

65.3.9 Maniġġjar tat-traffiku – Is-Sur Valvo qal li l-humped zebra ta' Dawret ix-Xatt għadna qed nistennew lil TM biex jagħmluha. Il-Belishia light issa sar ix-xogħol ta' tqattiegħ fit-triq u ordnajna lil Koptasin biex jiġu jinstallawhom.

65.3.10 Periklu fi Sqaq Ras il-Ġebel – Is-Sindku qal li l-kumplament tal-ħajt lest ukoll u telgħet filata oħra.

65.4. Item Nru. 65.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

65.4.1 Is-Sur Neil Attard staqsa meta ser jinqata' l-ħaxix ta' Dawret ix-Xatt kantuniera ma' Triq iċ-Ċern. Is-Sindku qal li ser isir fil-ġimgħa li ġejja.

65.4.2 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk hux ser issir laqgħa ta' informazzjoni mar-residenti dwar din is-sistema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart. Is-Segretarju qal li jista jibgħat lil Wasteserv u jitlobhom.

65.4.3 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk hux qed jintefa valenu tal-ġrieden għaliex hawn problema. Is-Segretarju Eżekuttiv qallha li jiġu regolari mir-rodent department.

65.4.4 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq in-newsletter u jekk din is-sena hux ser tinħareġ għall-Milied. Il-Kunsill qabel li jibgħat l-artikli tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jeditja u eventwalment tiġi pprintjata u mqassma.

65.4.5 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk saritx il-laqgħa mal-Ispettur. Is-Sindku qal ser jerġa jitlob din il-laqgħa għaliex għada ma ġietx konfermata data.

65.4.6 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk tistax issir laqgħa mal-Kap tal-Iskola sabiex ikollna aktar ftehim bejnietna. Is-Sindku qal li ser nitolbu laqgħa hekk kif terġa tibda l-iskola.

65.4.7 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ staqsiet jekk fi Trejqet ix-Xilep tistax issir bollard minħabba l-problema ta' Parking. Is-Sindku qal li dik hemm parti minnha li hija privata u ma nkunux nistgħu nalqugħa.

Sostenzjoni tal-Minuti minħabba li l-Kunsill ried ikellem resident fl-6.40pm

Kontinwazzjoni tal-Minuti fl-6.50pm.

65.4.8 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet fuq il-kantuniera ta' Triq Karmelo Ritchie ma' Triq iċ-Ċern minħabba li għadha maħmuġa. Is-Segretarju qal li aħna bgħatna lil tas-Sanita sabiex ikellmu lir-resident għaliex webbes rasu li ma jridx inaddaf.

65.4.9 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet fuq il-bankina ta' Triq il-Knisja fejn in-Nutara Thea għaliex għada imkissra u perikoluża.

65.5. Item Nru 65.5 fuq l-Aġenda – Rapporti

65.5.1 Is-Segretarju ippreżenta r-rapport tat-tieni kwart fejn ġie approvat b'Astenzjoni waħda.

65.6. Item Nru. 65.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696569
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

65.6.1 Il-Kunsill ġie infurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li t-tender tal-ġbir tal-iskart ser jiskadi f' Diċembru u għalhekk sar qbil li jibda l-proċess tat-tender.

65.7. Item Nru. 65.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

65.7.1 Pagamenti b'numru 71 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

65.8. Item Nru. 65.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet

65.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

65.9 Item Nru. 65.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

65.9 Il-laqgħa ntemmet fis-7.25pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 9 t' Ottubru, 2018 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ________________________ | ________________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |